

# Is-26 ta' Lulju 1941

*Edward Camilleri*

It-Tieni Gwerra l-Kbira bdiet fis-sena 1939 meta Adolf Hitler rebaħ il-Polonja. Hitler kien ilu żmien jisfida d-dinja, daqqa jieħu belt jew nazzjon u daqqa jivvinta xi ħaġa oħra. Għal bidu hawn Malta ma kienx hawn ġlied. Konna naqraw jew nisimgħu fuq il-ġlied li kien hemm fi Franza jew fuq xi battalja fuq il-baħar. Imma meta d-dittatur Faxxista ddikjara gwerra kontra Franza u l-Ingilterra fl-10 ta' Ġunju 1939 u l-għada, il-11 ta' Ġunju waqgħu l-ewwel bombi fuq artna u mietu l-ewwel Maltin bil-bombi tal-għadu, l-istorja nbidlet u ħadd ieħor beda jisma' u jaqra fuqna.

Malta kienet tissemma kważi kuljum fl-aħbarijiet internazzjonali u kellha fuq x'hiex titkellem għax għal xi wħud, Malta kellha l-akbar assedju bl-ajru fit-Tieni Gwerra. Kien assedju tal-ajru għax l-ajruplani tal-għadu Taljani u Ġermaniżi kienu ġejjin u sejrin fuq din id-daqsxejn ta' gżira. Kien hemm 3,340 sinjal ta' attakki mill-ajru u kien hemm 26,000 attakk mill-ajruplani tal-għadu. Dawn l-attakki ħallew bini mwaqqa' u ħsarat kbar f'xi bliet u rħula ta' Malta. Tletin elf dar jew bini ieħor kienu meqruda. Ma' dawn irridu nżidu li 1,600 nies pajżana ġew maqtula u 3,800 feruti u nies tas-servizz kien hemm ukoll 5,700 li ħallew ħajjithom fuq dmirhom.

Barra dawn irrid insemmi lil dawk li għerqu mal-bastimenti tal-gwerra li kienu fuqhom u l-vapuri li ppruvaw iwasslu l-ikel lil Malta bil-ġuħ u nuqqasijiet oħra. Il-Maltin batew il-ġuħ u l-mard, tilfu d-djar u dak li kellhom fihom, tilfu ħafna ħwejjeġ u batew imma ma tilfux il-kuraġġ u l-moral tagħhom baqa' sħiħ u sod f'dawk iż-żminijiet diffiċli tal-gwerra. Ippruvaw permezz tal-*convoys* iwasslu l-ikel u l-munizzjon lil Malta f'dawk ix-xhur ta' għaks u ġuħ imma kien diffiċli li tasal għajnuna lil Malta meta ħafna mill-Ewropa u l-Afrika kienu f'idejn il-għadu. Allavolja kienet għaddejja minn din il-maltempata qalila, Malta baqgħet tagħti s-sehem tagħha fil-gwerra.

Ajruplani minn Malta baqgħu jattakkaw bażijiet fi Sqallija, sottomarini ħarbtu l-*convoys* li kienu jwasslu munizzjoni lill-forzi Taljani u Ġermaniżi li kienu jiġġieldu fl-Afrika taħt il-Ġeneral Rommel. Minn Malta kienu jsibu tfixkil kbir u tilfu ħafna vapuri li kienu jġorru truppi u munizzjon lejn l-Afrika. Dawn l-attakki fixklu mhux ftit il-pjan tal-gwerra li kellu Rommel biex jasal Lixandra u jibqa' miexi lejn l-Ewropa.

Storja interessanti li ġrat dak iż-żmien seħħet fis-26 ta' Lulju 1941 meta numru ta' E-Boats Taljani ppruvaw jidħlu fil-port ewlieni ta' Malta u jattakkaw il-vapuri u bastimenti li kien hemm fil-port u l-bażi tas-sottomarini li kien hemm Manoel Island. Kif ser taraw saret il-ħsara u mietu xi nies ukoll imma l-attakk sar għalxejn għax mhux talli ma għamlux ħsara lill-vapuri li ġew għalihom imma lanqas biss daħlu fil-port u lanqas fil-bażi tas-sottomarini. Ser inħalli lil Tesco Tesei li kien il-moħħ fuq dan il-pjan li ħadem u ppjana minn qabel. Se nħalli lil Tesco jgħid l-istorja ta' dan l-attakk. Tesco qal hekk:

Fil-25 ta' Lulju 1941 tlaqna minn Augusta (port fi Sqallija qrib il-port ta' Sirakuza). Kelli 9 berchini (E-Boats), *Motor boat* bl-isem ta' Diana u 25 bomba ta' kalibru qawwi ħafna (it-Taljani kienu jgħidulhom "maiali"). In-nies li kellhom jidħlu għall-vapuri fil-port tal-konvoj li kien daħal ftit qabel kienu lesti biex jidħlu fil-port bl-E-Boat tagħhom. Tesco qalilhom: "L-importanti hu li aħna taħt l-għedewwa tagħna ntiru bid-dgħajjes tagħna. Dawk il-*maiali* li kellhom Francesco Costa u Luigi Barba ġratilhom xi ħsara. Biex sewwa l-ħsara Tesco ħela ħafna ħin.

Is-suldati ta' Forti Sant'Iermu ndunaw li kien hemm xi periklu u fetħu n-nar. Użaw is-*search lights* biex jikxfu x'kien li laqtu l-*maiali* li taru mas-sema. L-isplużjoni tajret biċċa mill-pont tal-*Breakwater* li kien imiss mal-fortizza ta' Sant'Iermu.

Costa u Barba kienu laħqu ħarbu minn dak l-infern ta' nar u marru bil-għawm u waslu Tignè. 49 Taljan ħadu sehem f'dan l-attakk, 20 mietu, 18 oħra kienu

feruti sewwa u nqabdu priġunieri. Kienu jintużaw mezzi sigrieti imma l-pjan ta' Malta ma rnexxiex. It-Taljani kienu diġà ppruvawhom b'suċċess fil-port ta' Lixandra u f'Ġibiltà. Għalhekk Tesei qal dak li qal, għax kien jemmen li f'Malta l-manuvri tiegħu se jħallu riżultat tajjeb. Imma l-attakk falla għal kollox. Id-disa' E-boats intilfu kollha, waħda nqabdet sħiħa u l-oħrajn tkissru bin-nar tal-kanuni. Tesei din id-darba fallielu għax fil-port ta' Malta ma attakkax il-vapuri li ġie biex ikisser. Din kienet waħda mill-istejjer tal-gwerra li għalina ħallew ftit ħlewwa biex itaffu il-ħafna qrusa li ħallew l-attakki mill-ajru li ġarrabna f'dawk is-snin tal-biża'.

Ġie li ntefgħu mini kbar fuq il-Port il-Kbir u barra mill-*Breakwater* biex ifixklu lill-frejgati u sottomarini li kienu jippruvaw jidħlu fil-Port il-Kbir. Is-suldati, Maltin u Ingliżi, li kienu fuq il-kanuni meta kienu jaraw dawn il-mini neżlin fuq l-art kienu jisparaw fuqhom biex ma jisplodux fuq il-belt u bliet oħra u jagħmlu ħsara kbira.

Fil-bidu semmejt in-numru tan-nies pajżana u n-nies tas-servizzi li tilfu ħajjithom f'dawn l-attakki li saru fuq il-gżejjer tagħna. Issa se nagħtikom in-numru tan-nies li mietu:

| | |
|---|---|
| Fl-Ewwel Gwerra l-Kbira 1914 – 1919 | 116,708 |
| Fit-Tieni Gwerra l-Kbira 1939 – 1945 | 407,316 |
| Fil-Gwerra tal-Vjetnam | 58,655 |
| L-Abort | 35 miljun |

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
Ikkuntattjana fuq *e-mail*:
**info@imperialbandclub.com**

**Marianna Stationery**
**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**
Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

**SANTA MARIA**
**SERVICE STATION**
Car Hire
Car Repairs & Servicing
Battery & Tyre Servicing
Nural Pistons
Wheel Weights
Car Wash – 24hrs
*Prop: B & O Farrugia*
***Main Str., Mellieħa***
***Tel: 21 573918***